**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 3/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Ali Ahmed Roushaon**

**Illum 4 ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Ali Ahmed Roushaon, imwieled nhar it-3 ta' Jannar 1987, ġewwa Bangladesh ta' Nazzjonalita' Bangladesha, iben Abdus Salam u Rabia Khanom detentur tal-Passaport Bangladeshi bin-numru EF0509116 u permess tar-Residenza Griega bin-numru EO6272922 mingħajr indirizz fiss ġewwa Malta;

Akkużat talli:

1. Fl-29 ta' Diċembru 2022 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer ta' Malta, bil-ħsieb illi jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta' parir jew ħabbrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu jew

jgħaddu minn jew jagħmlu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkonġura f'dak is-sens ma' xi persuni oħra, u dan bi ksur tal-Kap 9 art 337A tal-liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess perjodu lok u ċirkostanzi għen jew assista lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta jew li toqgħod ġewwa Malta, kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art jew li toqgħod ġewwa, jew li titlaq minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew, għax taħseb li tkun qiegħda f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bi ksur tal-Kap 217 art 32(1A) tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, irċieva passaport li ġiet ittrasferit lilu minn persuna oħra, u dana bi ksur ta' l-artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, għamel użu jew ittenta jagħmel użu minn passaport maħruġ lil persuna oħra, u dana bi ksur ta' l-artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport jew uża jew kellu għandu passaport li huwa jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, u dana bi ksur ta' l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorita' leġittima, uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att, u dana bi ksur ta' l-artikolu 31 1(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba biex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fi proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 217 tal-Lġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti u semgħet ix-xhieda.

Semgħet l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu kif reġistrata fis-seduta tal-lum 4 ta' Ottubru 2023.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi miġjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputata ħati ta' l-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu. Illi dwar il-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari marbuta mal-każ u tqis li jkun iktar idoneju li l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet u wara li l-Qorti rat l-Artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 32 1(f), 32 1(a) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 3(b), 4, 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, u in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputat Ali Ahmed Roushaon, qed issib lill-istess Ali Ahmed Roushaon ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ħati għamel bħala arrest preventiv.**

**Finalment, tordna illi kopja skenjata ta' l-atti u ai termini ta' l-Artikolu 392(A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tiġi trasmessa lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**